

- 2) Il-kawża hija rrinvjata lil Awla tal-Qorti Ġenerali li ma tkunx dik li ddeċidiet dwar dan l-appell.
- 3) L-ispejjeż huma rriżervati.

<sup>(1)</sup> ĠU C 98, 14.3.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2017 – Labeyrie vs EUIPO – Delpeyrat (Rappreżentazzjoni ta' sensiela ta' ħut aħmar fuq sfond ikħal)**

(Kawża T-766/15) <sup>(1)</sup>

*(Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea li tirrappreżenta sensiela ta' ħut aħmar fuq sfond ikħal — Dikjarazzjoni ta' revoka — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti f'elementi li ma jibdlux il-karattru distintiv)*

(2017/C 121/40)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Labeyrie (Saint-Geours-de-Maremne, Franza) (rappreżentant: A. Lecomte, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Delpeyrat (Saint-Pierre-du-Mont, Franza) (rappreżentant: J. Ennochi, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Ottubru 2015 (Każ R 2693/2014-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Delpeyrat u Labeyrie.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Labeyrie hija kkundannata tbat l-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-EUIPO.
- 3) Delpeyrat għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 78, 29.2.2016.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-28 ta' Frar 2017 – Labeyrie vs EUIPO – Delpeyrat (Rappreżentazzjoni ta' xitla ta' ħut ċar fuq sfond skur)**

(Kawża T-767/15) <sup>(1)</sup>

*[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedura ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tirrappreżenta xitla ta' ħut ċar fuq sfond skur — Dikjarazzjoni ta' revoka — Użu ġenwin tat-trade mark — Artikolu 15(1)(a) u Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Forma li hija differenti permezz ta' elementi li ma jbidlax in-natura distintiva”]*

(2017/C 121/41)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Labeyrie (Saint-Geours-de-Maremne, Franza) (rappreżentant: A. Lecomte, avukat)